MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-25 ta' April, 2005

Talba Numru. 550/2005

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**Vs**

**Trafalgar Business Limited (C25966)**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta’ konvenuta ghall-hlas ta’ Lm681.67c (sitt mija u wiehed u tmenin lira Maltin u sebgha u sittin centezmu) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mis-socjeta’ konvenuta skond Client Contract Number 27565 in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjeta’ attrici u dana fix-xhur bejn Mejju 2004 u Awissu 2004.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-Ittra Ufficjali tas-7 ta’ Jannar 2005, dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat

kontestwalment ma’ l-Avviz tat-talba, dawk ta’ l-Ittra Ufficjali lil banek relattiva ghall-imsemmi Mandat, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta illi giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta’ konvenuta baqghet ma pprezentatx Risposta ghalkemm debitament notifikata;

Sema’ lil Dr Philip Magri jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------